# Is-Sliem

Settembru 2011 Nru. 264

Knisja Arċipretali
ta' San Filep
ta' Agira,
Ħaż-Żebbuġ

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
"Villa San Filep",
Triq il-Kbira,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1307

*Messaġġ tal-Arċipriet:*

## ĦTIEĠA TA' TAGĦLIM KONTINWU



*ILKOLL (tfal, żgħażagħ u kbar) neħtieġu t-tagħrif KONTINWU reliġjuż!*

Kull bniedem irid ikun jaf aktar. Kull bniedem ikollu x-xewqa ġo fih li jsib risposta għal kull mistoqsija li titqanqal f'moħħu. Iżda mhux kull bniedem huwa lest li jbati ftit biex ikollu dik ir-risposta għall-mistoqsija tiegħu. Xi wħud jikkuntentaw ruħhom jew jirrassennjaw ruħhom u jibqgħu bla tweġiba jew b'informazzjoni limitata, jekk mhux ukoll skorretta. Aħna ma għandniex inkunu hekk. Aħna rridu inkunu nafu iżjed. Huwa d-dmir tagħna li napprofondixxu l-għarfien tal-fidi tagħna.

Fil-ħidma pastorali tiegħi niltaqa' ma' bosta nies minn kull sfera tal-ħajja. Ħaġa li ssewwidli qalbi hi meta niltaqa' ma' injoranza reliġjuża serja f'xi wħud, f'kuntest fejn it-tagħlim f'pajjiżna suppost li huwa mifrux sewwa. Agħar minn hekk, meta jkun hemm min jabbuża minn din l-injoranza reliġjuża biex iħawwad aktar l-imħuħ jew biex jattakka l-fidi ta' dak li jkun jew jipprova jiskredita lill-Knisja u t-tagħlim tagħha.

F'dawn l-aħħar xhur dan rajnieh iseħħ saħansitra minn nies li suppost jafu aħjar. U rajna mezzi ta' komunikazzjoni lokali jipprovaw imexxu l-aġenda tagħhom billi jisfruttaw din l-injoranza reliġjuza f'pajjiżna.

Minn dan kollu nitgħallmu kemm it-Tagħlim kontinwu fil-Fidi hu importanti. Meta konna tfal tawna nieklu ikel li kien jgħodd għalina u, ta' tfal li konna, kien biżżejjed. Issa li kbirna, ma nistgħux nikkuntentaw b'dak li kilna meta konna żgħar; irridu nsostu lilna nfusna b'aktar tagħlim li jgħinna nsibu r-risposti li nixtiequ għall-mistoqsijiet reliġjużi li jitqanqlu f'moħħna.

Jekk qiegħed/qiegħda taqra dan il-messaġġ, jalla tikkonvinċi ruħek li lkoll għandna dan il-bżonn li nisimgħu u naqraw aktar.

Il-Mulej iberikkom.

**Fr. Daniel Cardona,**
**Arċipriet**

**F'PAĠNA 4 (l-aħħar paġna):**

- Ġimgħa ta' Tagħlim.
- Żjajjar (u Tberik) lill-Familji.

### ALLA fil-Qawl Malti

**IL-QAWL:** **Alla ta u Alla ħa: niżżu ħajr 'l Alla!**

IT-TIFSIRA: Għandna nirrassennjaw ruħna għal dak li jrid Alla, għax kulma għandna tahulna Hu.

# Biex Uliedna Jkunu Ċittadini u Nsara Tajbin

– kitba tas-Superjur NICHOLAS BALZAN



***SAN ĠORĠ PRECA:***
***"It-tagħlim tajjeb hu l-għajn ta' kull ġid".***

Anthony de Mello għandu ħafna stejjer. Fosthom din. Wieħed kien jaf li kellu ġawhra kbira mitlufa ġo ġewlaq ġebel. Mar f'xatt ix-xmara u beda jarmi l-ġebliet waħda waħda. Meta kien dara, u kważi jagħmel dan bla ma jaħseb, intebaħ li kien rema l-ġawhra f'nofs ix-xmara. Issa ma kellux ċans li jerġa' jsibha. ....Jiena nxebbah it-tagħlim tal-fidi Nisranija ma' din il-ġawhra. Jekk tliftha, se jkun diffiċli terġa' ssibha. Ngħidha bl-esperjenza. Bnejt ħajti fuq dak li nemmen, u kien it-tagħlim li wrieni s-sens ta' twemmini. Ħajja bla tagħlim tajjeb tista' twassal biss għall-fanatiżmu.

X'ma tagħmilx għal uliedek? Tixtieqhom ikunu aħjar minnek. Kemm sagrifiċċji tagħmel għalihom, biex ikollhom formazzjoni wiesgħa li tħejjihom għal futur sabiħ? Iżda tista' formazzjoni tkun tajba u sħiħa mingħajr id-dimensjoni reliġjuża?

Nafu li l-fanatiżmu jeżisti f'ħafna ħwejjeġ (inkluża r-reliġjon). Il-fanatiżmu jwassal għall-estremiżmu, kif juruna kull ħin l-aħbarijiet. Imma fidi infurmata u ffurmata toħloq bilanċ u timla lil dak li jkun b'ħafna paċi. Għaliex San Ġorġ Preca, minkejja tant provi, għex u miet f'tant paċi, sa fuq is-sodda ta' mewtu? Għax apprezza **"t-tagħlim tajjeb bħala l-għajn ta' kull ġid"**.

Jekk jgħodd għall-kbar (u kull familja għandu jkollha d-dar kopja tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika!) jgħodd iżjed għal uliedna. Fejn neħħew it-tagħlim tar-reliġjon mill-iskejjel pubbliċi, bħall-Istati Uniti, illum qegħdin jaħsdu diżastru. Hu importanti li nemmnu u ngħixu dak li nemmnu. Imma wkoll irridu nifhmu "il-għala nemmnu dak li nemmnu". Dan hu li tagħmel il-klassi tad-duttrina. Kull ċentru tad-duttrina jifhem li jwassal lit-tfal u liż-żgħażagħ li jattendu fih biex jifhmu u jgħixu dak li jemmnu.

Bħas-suġġetti tal-iskola, ir-reliġjon ukoll trid tingħata b'mod strutturat: tibni dejjem fuq dak li tkun ġa tgħallimt, u għalhekk trid tieħu s-snin tat-tfulija, u possibbilment taż-żgħożija,

*ikompli f'paġna 3*


**ξPrivate Lessonsξ**

**Primary Subjects**
(Year 3-6)

**History & Italian**
(Forms 1-5)

Phone: 99479040

**English & Business Studies**
(Forms 1-5)
Phone: 79053006

Fully Qualified Teachers

**Żebbuġ**
***Stationers & Newsagents***

***Sciortino Street, Ħaż-Żebbuġ***

*For ALL types of Stationery, School Bags, Books, Magazines, Greeting Cards, Toys, Photocopying Services, Laminations, Digital Printing ....AND MORE...!!*

Tel. Nos.: 21466076
21462545



**JOHN SPITERI**
**(TAX-XEMA')**

**SERVIZZ TAL-FUNERALI**
**(24 SIEGĦA KULJUM).**

**155, TRIQ L-ISQOF CARUANA, ĦAŻ-ŻEBBUĠ.**
**BISWIT IL-KUNSILL LOKALI**

**IL-KANT BLA ĦLAS**

**TEL: 21464286.**
**MOB.: 79464286.**

*minn paġna 2*

kollha. Il-formazzjoni tkun nieqsa jekk uliedna daqqa jattendu għal-lezzjoni u daqqa le. Ma tibnix dar filata iva u filata le.

Formazzjoni Nisranija tagħti direzzjoni lill-ħajja. Biex ibnek u bintek ikunu kapaċi jgħidu le lil ħbiebhom meta jistednuhom għal dak li jbaxxihom, iridu jibnu karattru – u l-isbaħ u l-aqwa karattru hu l-karattru Nisrani. U l-fidi tittieħed, l-ewwelnett mid-dar, imbagħad minn dawk li nammiraw, u nittamaw li fosthom ikun hemm dawk li jkunu jiffurmawna. Dak li nemmnu jagħmel sens jekk ikollna fidi infurmata – u jekk narawh mgħix minn dawk li huma qrib tagħna.

Iżda l-ġenituri għandhom għajnuna kbira: f'dawk in-nies li jiddedikaw sigħat sħaħ jgħallmu u jiffurmaw lil uliedna. Dawn ma jiħdux post il-ġenituri, iżda jistgħu jagħtu dak li ma jafux jew ma jsibux ħin għalih il-ġenituri. Wara l-ewwel snin fil-familja, it-tfal min-natura tagħhom iħossu l-bżonn li jissoċjalizzaw. Għalhekk nibagħtuhom għal attivitajiet sportivi u għal tagħlim kulturali. Iżda ħażin jekk nieqfu hemm. Fejn tonqos id-dimensjoni spiritwali fil-bniedem, stenna estremiżmu. Jonqos il-bilanċ. Daqsxejn melħ jew bżar żejda fl-ikel tħassarlek it-togħma kollha. Għalhekk **"it-tagħlim tajjeb hu l-għajn ta' kull ġid"** kien jgħid Dun Ġorġ. U bit-tagħlim tad-duttrina li xerred biċ-ċentri tal-MUSEUM fil-parroċċi kollha, iġġieled kontra l-injoranza reliġjuża, u l-Papa Ġwanni Pawlu II, u warajh Benedittu XVI, seta' jsejjaħlu "it-tieni San Pawl" għal Malta.

# Il-Ħtieġa tat-Tagħlim tad-Duttrina Nisranija (Katekiżmu)

— Kitba ta' MARTHESE BRINCAT,
preżentatriċi tal-programm televiżiv "UĊUH"



***Żgħażagħ ferħanin, miġburin flimkien, għat-Tagħlim Kattoliku, UKOLL WARA li għamlu l-Griżma tal-Isqof.***

Fil-programmi tat-televiżjoni li ili għal dawn l-aħħar 30 sena nippreżenta u nipproduċi, iltqajt ma' ħafna nies: persuni esperti fis-suġġetti ttrattati u/jew li ħadmu miegħi fil-produzzjoni. Bħalma dejjem ngħidu, kulħadd huwa "espert" fil-qasam tiegħu. Kulħadd importanti u kulħadd kellu jibqa' jitgħallem biex jibqa' relevanti kemm fil-ħajja tiegħu personali kif ukoll biex ikun jista jagħti kontribut lis-soċjetà.

Mhix l-ewwel darba li f'dawn il-programmi ttrattajt it-tagħlim tal-katekiżmu, kemm fl-iskejjel kif ukoll fil-klassijiet tal-Museum, eċċ... tal-parroċċi tagħna. Dejjem sħaqt li dan għandu jkun aġġornat u mgħallem lit-tfal, mhux pappagalment, imma b'tifsira ċara u prattika ta' kif għandna ngħixu dan it-taghlim. **Dejjem tkellimt li mhux biżżejjed li lit-tfal tagħna nibagħtuhom għat-tagħlim tad-duttrina sal-Preċett u l-Griżma, imma għandna nibqgħu nibagħtuhom f'laqgħat li jsiru biex t-tagħlim jikber magħhom.** Dak li jkunu tgħallmu meta jkunu żgħar, mhuwiex biżżejjed biex jistgħu jgħidu li jafu t-tagħlim ta' Ġesù Kristu u, għalhekk, it-tagħlim tal-Knisja.

Naraw u nesperjenzaw kuljum in-nuqqas ta' dan it-tagħlim, kemm fil-kbar u kemm fiż-żgħażagħ. Naraw dan in-nuqqas, mill-mod kif qegħdin ngħixu, mill-attitudni rampanti ta' "xejn mhu xejn", minn kif

*ikompli f'paġna 4*


**ACCOUNTS PRIVATE TUITION**



- 'O LEVEL
- INTERMEDIATE LEVEL
- 'A' LEVEL
- OTHERS

INDIVIDUAL ATTENTION
SMALL GROUPS
COURSE NOTES PROVIDED

**F. Cassar B. Accty (Hons), AIA**

Tel. Nos.: 21495286 (Home)
79092845 (Mob.)
E-mail: rassacf@onvol.net

**TWANNY SPITERI**
**FUNERALI**
4, "Shalom", Triq il-Watar,
Ħal Mula,
Ħaż-Żebbuġ.




**Karozza (*hearse*) BLA ĦLAS**
**24 hours services**
**DAY & NIGHT**
Tel: 21460950
Office: 21465122 - 21472219
Mob: 99471168

*minn paġna 3*

ngħawġu t-tagħlim ta' Kristu (kulħadd kif jaqbillu).... kulħadd irid jgħix ħajtu kif tgħidlu qalbu u mhux moħħu (ir-raġuni)!.... Dan kollu jixhed in-nuqqas tat-tagħlim tal-katekiżmu.... in-nuqqas ta' informazzjoni minn sorsi li għandhom it-tweġibiet tajbin li għandna bżonn.... l-indifferenza għall-ħtieġa li nitgħallmu u kif għandna ngħixu dan l-istess tagħlim. M'aħniex konxji li, jekk ngħixu dan it-tagħlim, ngħixu aħjar! Il-prijoritajiet inbidlu; fejn, qabel, kienet ħaġa normali li, wara l-Griżma tal-Isqof, il-ġenituri jibagħtu lil uliedhom il-*Legion of Mary*, l-Azzjoni Kattolika, eċċ..., illum qegħdin jibagħtuhom BISS għal-lezzjonijiet tal-pjanu, *ballet*, futbol, ġinnastika, eċċ... Lanqas biss jgħaddilhom minn rashom li jkattrulhom it-tagħlim nisrani!!... Kemm isiru laqgħat ta' informazzjoni fuq il-Bibbja! ...Jattendu biss xi ftit nisa u rġiel ta' età kbira, li għadhom iħossu l-bżonn li jibqgħu aġġornati. ...U l-ommijiet u l-missirijiet li għadhom qegħdin irabbu (li l-aktar għandhom bżonn jisimgħu, biex jagħtu valuri lil uliedhom), ma jidhrux!!

Jeħtieġ li naħdmu aktar biex it-tagħlim tal-katekiżmu ma jmutx. Neħtieġu aktar nies li jinvolvu ruħhom biex jiktbu fir-rivisti, fil-*gazzetti*, fil-*blogs*, permezz tal-*medium* kontemporanju tal-kompjuter. Neħtieġu aktar programmi televiżivi biex, imqar b'mod sottili, jibqgħu jixxandru l-valuri Kristjani: it-tagħlim ta' Ġesù u dak li tgħid il-Knisja tiegħU. Meħtieġa wkoll konsistenza fit-tagħlim li nagħtu lit-tfal, liż-żgħażagħ u 'l-kbar. **Fil-fehma tiegħi, hemm katekiżmu wieħed, hemm ideal wieħed, hemm regoli fissi li ħadd ma għandu dritt jgħawweġ u jirranġa biex jingħoġob!** Ġesù fid-dinja kien ċar; u, għad li, bi mħabba kbira, għader lil min żbalja u lill-batut, xorta ċanfar fejn kellU jċanfar.... xorta lill-bniedem qallu: "mur u tidnibx aktar!".

Għad li kultant naħbat se naqta' qalbi meta nisma' ċertu kliem u ċerti raġunamenti u nara kif qegħdin **taparsi** ngħixu l-ħajja nisranija, xorta nemmen li d-dinja għandha bżonn lil Ġesù fil-ħajja tagħha; xorta nemmen li l-bniedem jeħtieġlu jibqa' jinteressa ruħu fit-tagħlim tal-katekiżmu, fit-tagħlim ta' Ġesù, biex iħoss il-kuntentizza vera f'qalbu u biex id-deċiżjonijiet li jieħu f'ħajtu jkunu deċiżjonijiet tajbin għalih u għal ħaddiehor.




**Josef Felice**

**(Tal-Bonċ)**

**Servizz tal-Funerali**

**24 Siegħa Kuljum.**

"Casa Felice"
Triq l-Indipendenza,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ

SERVIZZ TAL-KOR U ORGANISTA
**BLA ĦLAS**

PREZZIJIET MODERATI

Tel: 2146 6599 *Mob*: 9945 6733


## ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM

Is-Soċjetà tal-MUSEUM ser torganizza Ġimgħa ta' Tagħlim għal dawk li jixtiequ jsaħħu l-Fidi Nisranija tagħhom fil-Kelma t'Alla u fit-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

Mit-Tnejn, 5 ta' Settembru 2011 sal-Ġimgħa, 9 ta' Settembru 2011, fil-grawnd tal-MUSEUM Subien, Ħaż-Żebbuġ, fit-7:45 p.m.

Titlifx okkażjoni li tkompli ssaħħaħ il-Fidi tiegħek.

## Żjajjar (u Tberik) lill-Familji

Għeżież,

Kull sena, għal dil-ħabta, nagħtu bidu għal programm ġdid ta' żjajjar u tberik lill-familji. Żjajjar li mhux biss qegħdin iservu ta' kuntatt bejnietna, iżda wkoll ta' għajnuna għal bosta. Hija x-xewqa tagħna li nisimgħu dak li għandkom tgħidulna, filwaqt li naraw kif nistgħu nkunu ta' għajnuna għalikom.

Il-Mulej iberikkom!
Fr. Daniel Cardona,
Arċipriet.

* * * * *

**It-Tnejn, 26 ta' Settembru:**
Triq Is-Siġġiewi.
**It-Tlieta, 27 ta' Settembru**:
Triq t'Għasfura u Triq L-Isqof Ambroġ Buttiġieġ.
**L-Erbgħa, 28 ta' Settembru:**
Triq Paris.
**It-Tnejn, 3 ta' Ottubru:** Triq Mikiel Anġ Sapiano (minn Triq il-Kbira sa Triq San Martin); u Triq Il-Kaċċa.
**It-Tlieta, 4 ta' Ottubru:** Triq Mikiel Anġ Sapiano (minnTriq San Martin sar-*roundabout*).
**L-Erbgħa, 5 ta' Ottubru:** Triq Serafin Tanti.
**It-Tnejn, 10 ta' Ottubru:** Triq Indrì Borg.
**It-Tlieta, 11 ta' Ottubru:** Triq Ħas-Sajd.
**L-Erbgħa, 12 ta' Ottubru:** Triq Ħal Dwin u Triq Pietru Buttiġieġ.


TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE